# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025**

**Numru 16**

**Rikors numru 244/2016/1 AL**

**Z1**

**v.**

**Z2**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attriċi wara deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija fis-6 ta' Frar, 2025 f'kawża għal separazzjoni personali, fejn sabet fost l-oħrajn li ż-żwieġ tkisser bi ħtija ugwali taż-żewġ partijiet u ddikjarat li l-attriċi ddekadiet mill-jedd li titlob manteniment mingħand żewġha l-konvenut.

**Preliminari**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (l-Ewwel Qorti) fis-27 ta' Ottubru, 2016, Z1 (l-Attriċi) fissret li l-partijiet kienu żżewġu fis-16 ta' Marzu, 1986 u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal illum maġġorenni. Tgħid li ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment minħabba li l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' adulterju, sevizzi, moħqrija, theddid, eċċessi u nġurji gravi.

2. Għaddiet imbagħad sabiex tressaq dawn it-talbiet:

> "(i) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Z minhabba adulterju, sevizzi, mohqrija, theddid, eccessi u ngurji gravi, kif ukoll talli z-zwieg tkisser irremedjabbilment u dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut;
>
> (ii) Tiffissa retta alimentari ghall-esponent;
>
> (iii) Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Z u tordna li l-istess oggetti formanti parti tal-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-esponenti u l-ohra lill-intimat, u billi jigi nnominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
>
> (iv) M'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmija intimat l-oggetti tad-dispozizzjoni tal- Artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parti.
>
> Bl-ispejjes."

3. B'risposta ġuramentata tal-1 ta' Frar, 2017, Z2 (il-Konvenut) laqa' għall-azzjoni attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1. Filwaqt illi l-esponent ma jopponix għall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejnu u bejn l-attriċi, ladarba martu ma tridx tkompli tgħix miegħu, huwa jsostni li s-separazzjoni għandha tiġi

ppronunzjata għaliex iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment mhux minħabba tortijiet imputati lilu fir-rikors guramentat, iżda għat-tortijiet ta' l-attrici nnifisha li rrendiet ruħha hatja ta' eċċessi, ingurji, sevizzi u theddid min-naħa tagħha lejn il-konvenut u lejn it-tfal, u għamlet il-ħajja taż- żwieġ impossibli minħabba l-aġir tagħha peress li tbati minn problemi psikjatriċi.

2. L-esponent jiċħad li qatt kien infidil lejn martu jew li qatt kien vjolenti magħha. L-attriċi kienet dejjem taħseb hazin fih u takkużah li qiegħed iħares lejn nisa oħra u tgħajjru kontinwament; bdiet tiffissa fit-tindif b'mod eżagerat u dejjem isibha imdejqa. Hu kellu jieħu paċenzja kbira biha biex żamm il-familja flimkien. Kien hemm żmien meta l-kundizzjoni tagħha iddeterjorat u minħabba l-aġir irresponsabbli tagħha l-esponent kellu ta' bilfors jehodha għand psikjatra għal kura. Kien hemm żmien meta ppruvat tagħmel suwiċidju u l-psikjatra irrikoveraha l-Isptar Mount Carmel. Kien hemm perjodi meta kienet tkun xi ftit tajba imma wara ċertu żmien terġa' tibda bil-problemi u, minħabba l-akkużi foloz li iddeċidiet li takkużaħ bih, spiċċat biex titlob is-separazzjoni.

3. Il-konvenut jopponi għat-talba ta' l-attriċi li tiehu l-manteniment mingħandu għaliex hija kapaċi taħdem u fil-fatt, barra x-xogħol tad-dar u t-tisjir li tagħmel fid-dar matrimonjali, hija ssajjar għal ħutha kuljum u titħallas mingħandhom u tmur taħslilhom id-dar u titħallas ukoll. L-istess kif taħdem ma' tal-familja tagħha, tista' tmur u hi kapaċi tmur taħdem ma' terzi u tgħix għal rasha kif tixtieq hi.

4. Filwaqt illi l-esponent jaqbel illi l-komunjoni ta' l-akkwisti tiġi xolta, likwidata u diviza u dan wara illi jiġu identifikati l-beni parafernali appartenenti lill-partijiet, għandha, però, tiġi maqsuma f'żewġ ishma mhux neċessarjament indaqs, u dak is-sehem superjuri għandu jiġi assenjat lill-esponent u dan billi kienet l-imġieba ta' l-attriċi u mhux ta' l-esponent li wasslet għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u għaldaqstant l-effetti, in kwantu huma applikabbli, ta' l-artikoli 48 sa 53 fejn jirreferi għall-artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu applikati favur il-konvenut.

5. L-esponent ma għandux ibati l-ispejjeż minħabba li ma huwiex ħati għat-tkissir taż-żwieġ u fil-medjazzjoni, sabiex jintlaħaq ftehim bonarju, kien ukoll wera li dispost jikkonċedi t-talbiet tagħha dwar il-qsim tal-komunjoni.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

4. Il-konvenut ressaq ukoll talba rikonvenzjonali fejn ippermetta li kien bi ħtija tal-attriċi li l-ħajja matrimonjali ta' bejniethom tkissret b'mod

irrimedjabbli u ġiet reża impossibbli minħabba li rrendiet ruħha ħatja ta' eċċessi, inġurji gravi, sevizzi u theddid.

5. Ressaq għalhekk it-talbiet rikonvenzjonali segwenti:

> "1. Tiddikjara s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti bi ħtija ta' l-attriċi minħabba eċċessi, sevizzi, ingurji gravi u theddid, u għax iż-żwieġ tkisser b'mod irremedjabbli minħabba raġunijiet unikament imputabbli għaliha;
>
> 2. Tapplika kontra l-attriċi is-sanzjonijiet li taħseb għalihom il-liġi fosthom dawk taħt l-artikoli 48, 51, 51 u 53 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi tgħid li l-attriċi tilfet id-drittijiet imsemmija fl-istess artikoli;
>
> 3. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;
>
> 4. Tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'żewġ porzjonijiet, mhux bilfors indaqs, u tassenja s-sehem superjuri lill-konvenut u s-sehem l-ieħor lill-attrici, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija fit-tieni talba, u jekk ikun meħtieġ taħtar periti għal dan il-għan.
>
> 5. Tikkundanna u tordna lill-attriċi tirrestitwixxi lill-konvenut il-proprjetà parafernali kollha tiegħu.
>
> Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li hija minn issa mħarrka sabiex tidher għas-subizzjoni."

6. B'<u>risposta ġuramentata</u> tal-21 ta' Frar, 2017 l-attriċi rikonvenzjonata laqgħet għal kontro talba billi ressqet l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1. Illi ghalkemm l-esponenti taqbel illi hemm ragunijiet sufficjenti sabiex tigi ddikjarata separazzjoni dan huwa minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat u topponi ghal ewwel talba f'dan is-sens u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.
>
> 2. Illi l-esponenti topponi ghat-tieni talba u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.
>
> 3. Illi ma topponix ghat-tielet talba.

4. Illi taqbel illi ghandha ssir il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-kommunjoni, b'dana pero' illi l-esponenti ghandha tinghata sehem superjuri u dan minhabba li t-tort tas-separazzjoni hija unikament attribwita lill-intimat u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi topponi ghal-hames talba stante illi m'għandha ebda proprjeta' parafernali tal-intimat fil-pussess taghha.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m' ghandhiex tbati l-ispejjes tal-kawza, kif ukoll tal-kontro-talba."

7. B'<u>sentenza finali</u> mogħtija fis-6 ta' Frar, 2025 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

"1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali fis-sens illi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet, iżda dan bi ħtijiet ugwali taż-żewġ partijiet;

2. Tiċħad it-tieni talba attriċi għar-raġunijiet premessi fit-taqsima erbgħa (4) ta' din is-sentenza u ċioé it-taqsima intitolata ***Manteniment għall-attriċi***;

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi, u t-tielet u r-raba' talbiet rikonvenzjonali limitatament għal dak li hemm premess fil-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé* it-taqsima intitolata "***It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti*** *u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali*" u tiċħad it-talbiet għan-nomina ta' Nutar għaliex ma hemmx il-bżonn;

4. Tiddeċiedi dwar ir-raba' talba attriċi u t-tieni talba rikonvenzjonali skont dak premess fit-taqsima tlieta (3) ta' din is-sentenza u *ċioé* t-taqsima intitolata "***Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi u l-Konvenut***";

5. Tilqa' l-ħames talba rikonvenzjonali skond dak li hemm premess fil-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u ċioé it-taqsima intitolata "***It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali***"

Bl-ispejjeż u drittijiet ta' din il-kawża jiġu sopportati miż-żewġ partijiet f'ishma ndaqs bejniethom."

8. Ir-raġunijiet saljenti u rilevanti għal dan l-appell li waslu lill-Ewwel Qorti għas-sentenza appellata huma dawn li ġejjien:

> "Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għall-konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.
>
> L-attriċi tisħaq li dan iż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba (i) l-adulterju tal-konvenut, u minħabba (ii) sevizzi, moħqrija, theddid u inġurji gravi minn naħa tiegħu. Il-konvenut minn naħa tiegħu jiċħad dan kollu u jgħid li l-attriċi kienet tiffissa b'mod li kellha anke bżonn għajnuna psikjatrika, filwaqt li takkużah u tgħajjru kontinwament li għandu nisa oħra. Skond hu ż-żwieġ tkisser minħabba eċċessi, sevizzi, inġurji gravi u theddid minn naħa tal-attriċi.
>
> Il-Qorti evalwat il-provi bir-reqqa, speċjalment fid-dawl tal-fatt illi ż-żewġ verżjonijiet preżentati mill-partijiet jippreżentaw stampa dijametrikament opposta għal ta' xulxin u qajla jiġu preżentati provi fattwali ta' dak li jiġi allegat.
>
> Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex tevalwa dak mintqal mill-partijiet infushom u x-xhieda li xehdu dwarhom biex tasal għall-konklużjoni aħħarija dwar it-tortijiet tat-tkissir ta' dan iż-żwieġ.
>
> Jidher illi l-partijiet bdew il-ħajja miżżewġa kuntenti u fil-fatt it-tnejn jaqblu li fl-ewwel snin taż-żwieġ kienu familja tipika ta' dak iż-żmien, fejn l-attriċi kienet tieħu ħsieb id-dar u t-tfal u l-konvenut joħroġ jaħdem. L-attriċi kienet tieħu ħsieb ukoll l-istudji tat-tfal u l-aspett finanzjajru u għalkemm il-konvenut jgħid li kien isir kollox kif trid hi fil-familja tagħhom, jidher li hu kien paċenzjuz u l-affari bejniethom kienet qed taħdem. Jgħid fil-fatt il-konvenut stess illi
>
> "*C kienet waqfet taħdem malli żżewwiġna u għalhekk konna ngħixu ħajja tal-familja trankwilla u serena, għalkemm kien ikollna xi ngħidu bħal kulħadd. Lil C kont inħobbha ħafna u kemm hi u kemm jiena konna ddedikati totalment għall-familja. C dejjem ħadet ħsieb it-tfal u d-dar u jiena dejjem ħdimt għall-familja. Fil-fatt lit-tfal dejjem bagħtnihom l-iskola u t-tnejn iggradwaw mill-Università. Illum it-tnejn jgħixu għal rashom u t-tifel miżżewweġ.*"
>
> Tgħid ukoll l-attriċi illi:
>
> "*Ghal bidu kollox mexa harir fiz-zwieg taghna. Konna nghixu hajja ta' familja normali...L-ewwel problemi bdew xi hmistax-il sena ilu.*" Jiġifieri snin wara ż-żwieġ.

[...]

Jirriżulta għalhekk li f'xi mument kien hemm bidla f'dan kollu, xi ħaġa li kissret is-serenità tal-koppja, bħal *trigger* li bagħat lill-attriċi f'baħar ta' thewdin u aġir għal kollox mhux seren. Għalkemm il-konvenut jixehed illi l-attriċi kienet tiffissa u tossessjona u hu kien joqgħod għax paċenzjuz, madanakollu hemm qbil bejn il-partijiet u x-xhieda li l-affarijiet kienu sew ħafna għal snin twal.

Jidher illi f'punt wieħed, snin sħaħ wara li l-partijiet iżżewġu, il-konvenut, ammetta li kellu inkontru li kien jikkonsisti f'"bews" ma' mara li marret issewwi l-karozza għandu. Għalkemm il-konvenut jiċħad li qatt ammetta dan ma' martu, xhieda li l-Qorti tqis bħala affidabbli bħal H I, li x-xhieda stess tal-konvenut qalu li joqgħodu fuqha, tixehed illi *"...mbagħad xi jumejn wara, niftakar kont mort ghandu l-garaxx, minghalija l-garaxx u qalli...ghedtlu x'gara ezatt u qalli din kienet giet wahda bil-karozza biex issewihielu u din wara li ghamilielha u lestiha u kollox qaltlu m'ghandix biex inhallsek, qaltlu tista' tinqeda, bil-Malti jigifieri u dan bhal ma qalli hu, qalli din waqghetni, qalli mhux bil x'jismu, qalli bil-bews u hekk*."

Jixehed ukoll il-psikjatra Peter Muscat illi t-tfal tal-konjuġi qalulu, meta rreferew miegħu għall-għajnuna, illi "*Sitt snin qabel hu (il-konvenut) kien ammetta illi kellu relazzjoni barra miz-zwieg wara li hi pressatu hafna u qaltlu li ha tahfirlu jekk jammetti*."

Jirriżulta għalhekk li bħala inċident waħdieni dan jidher li verament seħħ u li kien il-konvenut li skaturixxa serje ta' iventi li fl-assjem tagħhom rendew il-ħajja konjugali impossibbli.

Bħala parenteżi jingħad illi l-avukati difensuri tal-attriċi jieħdu spunt mill-kontro-eżami tal-attriċi meta d-difensur legali tal-konvenut tistaqsi "*Kien johrog maghha jew mar maghha darba ghax kien imdejjaq hafna minhabba l-imgieba tieghek*?" biex jasserixxu jekk saritx ammissjoni o meno dwar adulterju. Minn banda l-attriċi tgħid li l-mod kif saru ċerti mistoqsijiet mid-difensur tal-konvenut hija ammisjoni ċara ta' adulterju u ma' dan il-konvenut ma jaqbilx u jgħid b'referenza għall-Artikolu 693 tal-Kap 12 illi ammissjoni trid tkun saret mill-parti u mhux mill-avukat sabiex tista' tittieħed bħala prova. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-attriċi li dan jista' jsaħħaħ il-pożizzjoni li seħħ adulterju għaliex meta jsir kontro-eżami tkun qed isir referenza għal dak li jkun asserixxa x-xhud bl-iskop li tixxejjen dik ix-xhieda jew tnaqqar mill-kredibilità tiegħu u kwindi l-mod kif jiġu formulati l-mistoqsijiet ikunu qiegħdin jindirizzaw l-allegazzjoni magħmulha mix-xhud li ma tkunx neċessarjament il-pożizzjoni tal-parti l-oħra.

Intant, l-attriċi tidħol f'ċirku ta' thewdin u ossessjoni fuq il-konvenut. Minflok ma ttieħdet l-għajnuna neċessarja, l-attriċi ppruvat tinvestiga hi ħajjet żewġha billi anke tkellem in-nies ta' madwarha li flok għenuha iktar tefawha l-isfel f'abiss ta' dubji. Il-Qorti tħoss li l-attriċi ma

rnexxilhiex tipprova aġir ieħor min-naħa tal-konvenut li jista' jwassal għal Qorti biex tikkonkludi li kien hemm adulterju minn naħa tiegħu.

L-attriċi tgħid anke lill-ħut ir-raġel, li ġabet anke private investigator iżda provi ta' filmati ma nġabux, u l-attriċi tammetti hi stess li bdiet tmur il-garaxx ma' żewġha iżda provi ta' aġir mhux floku hawn ma jirriżultax mill-provi. Saħansitra l-attriċi tgħid li libset parrokka u marret wara żewġha u qabditu ma' oħra imma għal darb'oħra provi ma ġġibx. L-attriċi saħansitra bdiet tiffissa li żewġha għandu post ieħor u qabdet lil ħu l-konvenut imur magħha jiltaqgħu ma' terza persuna li rriżulta li xejn ma kienet affidabbli u li fuq kollox ma werihom l-ebda proprjetà speċifika. Hija wkoll qagħdet fuq neputija tagħha li wkoll xehdet li l-konvenut kien qed jittantaha, fatt li lanqas jekk wieħed jemmen li tassew seħħ ma jipprova adulterju.

Jirriżulta illi l-attriċi sfortunatament iffissat b'mod illi bl-aġir tagħha l-familja bdiet titfarrak. Il-konvenut għalkemm paċenzjuz ma setax jissaporti iktar it-tratti tagħha u kif jixhdu xhieda fil-każ hija bdiet timbarazzah meta tmur il-ħin kollu ħdejh fuq ix-xogħol iżda kien jissapporti wkoll biex iżomm il-kwiet. Saħansitra t-tfal ħassew li ommhom ma tistax tkompli kif kienet sejra u rreferew għal għajnuna psikjatrika. Hawn ħareġ li l-attriċi bdiet tisma' l-vuċijiet, temmen li kien hemm apparat biex jisimgħu dak li kienet qiegħda tgħid u jitrażmettu dak kollu li kien qed jiġri ġod-dar, tqum kmieni filgħodu tgħajjat etc, tant li t-tobba preskrivewlha l-mediċina u rreferewha l-Isptar Monte Carmeli.

Mir-riferenza psikjatrika li saret jirriżulta li d-dijanjosi kienet waħda ta' psikosi. Madanakollu, filwaqt li l-Qorti ħadet kont tax-xhieda tal-psikjatra Peter Muscat, il-Qorti hija iżjed konvinta bil-konklużjoni tagħha wara l-kontro-eżami tal-psikjatra David Cassar minn fejn jirriżulta li tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-inċident li ammetta għalih il-konvenut dik id-dijanjosi setgħet kienet żbaljata.

Ma jirriżultax mill-provi illi l-kundizzjoni mentali tagħha ta' psikosi ġiet ippruvata għaliex il-psikjatra David Cassar jgħid fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Lulju 2022 illi d-dijanjożi tal-psikosi seta' kien żbaljat għaliex mill-informazzjoni li huma mbagħad ottjenew ikkokludew li seta' kien l-indikazzjoni li żewġha qed jaqlibielha li tefgħuha f'sitwazzjoni ta' disturb. Il-file tal-isptar fil-fatt, jirreferi kontinwament għall-fatt li ammetta għalih il-konvenut mal-attriċi u ma' H I. Dawn l-ossessjonijiet kienu kibru b'mod li ħarġu 'l bogħod mil-limiti tar-raġuni għaliex il-kwistjoni ma ġietx indirizzata kif kellha tiġi ndirizzata.

Filwaqt li l-konvenut jinsisti li l-kundizzjoni mentali tal-attriċi kienet il-kawża tat-tkissir taż-żwieġ u jibqa' superfiċjalment fuq il-fatt li hi kienet qed tossessjona ruħha fuqu, il-Qorti tħoss li l-aġir li ammetta li għamel ilkonvenut tefa' lill-attriċi f'sitwazzjoni kerha. Bil-karattru ta' l-attriċi li lkonvenut stess jgħid li kienet fraġli u temmen dak kollu li jgħidulha n-nies, kien faċli għaliha li minn dak l-inċidenti hija tiffissa u toħloq stejjer u toħroġ minn kull kontroll tas-sitwazzjoni. L-attriċi fil-fatt ma għenitx

lilha nnifisha għaliex minflok ma insistiet li jfittxu l-għajnuna bħala koppja, ippruvat tara kif ser tagħmel biex terġa' taqbad lill-konvenut fi żball ieħor. Hija wkoll iddeċidiet minn jeddha meta kellha twaqqaf il-kura li kienet qed tmexxiha l-quddiem.

Il-Qorti ma tistax ma tirrelevax kif waqt il-ġbir tal-provi l-linja difensjonali tal-attriċi konfrontata bl-allegazzjoni ta' disturbi psikjatriċi, nbidlet sal-punt li saħansitra abbraċċjat u qablet mal-konvenut li kienet tbati minn psikosi. Dan jikkontrasta ma' kemm l-attriċi insistiet li ma kellhiex bżonn kura medika. Il-Qorti nnutat ukoll illi nonostante l-insistenza inizzjali tagħha li hija ma kellhiex bżonn kura ergo ma kinitx tbati minn psikosi, meta fettillha aċċettat din id-dijanjożi sabiex tikseb vantaġġ għaliha u tiskopla ruħha mit-tort tat-tkissir taż-żwieġ. Il-Qorti hija ferm perplessa b'dak li tista' tissejjaħ biss bħala opportuniżmu da parti tal-attriċi meta fl-aħħar mill-aħħar kienet hi stess li għażlet li tadixxi lil din il-Qorti b'dawn it-talbiet ġudizzjarji, bl-iskop li tinsab il-verità u tiġi applikata l-ġustizzja b'dan il-mod. Ċertament strataġemmi legali simili ma jgħinu lill-Qorti xejn.

Minn kif jirriżulta mill-ġurisprudenza nostrana għalkemm ma hemmx il-bżonn illi l-adulterju jiġi pruvat b' testimonjanza 'de visu' jew fil-flagranza, madanakollu l-Qorti ma tistax toqgħod fuq allegazzjonijiet mhux pruvati u trid li jkollha indizji gravi, preċiżi u konkordati b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika. Il-Qorti ma tħossx li hawnhekk, għalkemm issemmew mill-attriċi numru ta' inċidenti, ġie ppruvat dan u l-attriċi naqset milli tipproduċi provi b'tali mod li jikkonvinċu l-Qorti li l-konvenut verament kien qed jikkommetti adulterju.

[...]

Fil-fatt dak li jammetti għalih il-konvenut u li l-Qorti temmen li seħħ kien incident iżolat mingħajr ma seħħ il-konġunġiment karnali jew aġir li jindika indizji preċiżi li seħħ adulterju.

[...]

Il-Qorti hija konvinta li għalkemm dak l-inċident li ammetta għalih il-konvenut ma jinkwadrax bħala adulterju per se, fis-sens klassiku, madanakollu kien detrimentali immens fid-dinamika taż-żwieġ tagħhom u l-Qorti tikkonkludi li kien jinkwadra fil-parametri ta' inġurja gravi. L-aġir tiegħu kien tali li naturalment joffendi lill-parti l-oħra u għalhekk ta' detriment għaż-żwieġ. L-attriċi min-naħa l-oħra kienet il-kaġun ta' sevizzi meta minflok indirizzat il-problemi ta' bejniethom irrendiet ruħha l-kaġun ta' torment kwotidjan bl-ossessjonijiet u l-akkużi kontinwi fil-konfront tal-konvenut. Kif diġà ngħad "*Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano*".

Bl-akkużi kontinwi ta' adulterju, mhux pruvati, l-attriċi kienet ukoll il-kaġun ta' inġurji gravi għaliex kif intqal fis-sentenza ġia ċitata fl-ismijiet **H G vs L G**, li kkwotat is-segwenti: "*Huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maRli, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni.*"

Il-kundizzjoni mentali tal-attriċi ma ġietx pruvata meta l-psikjatra xehed li d-dijanjosi setgħet kienet żbaljata u għalhekk l-attriċi ma tistax tiġi skolpata mill-aġir tagħha.

Il-Qorti għalhekk hija konvinta li bl-aġir tagħhom iż-żewġ partijiet huma ħatja tat-tifrik taż-żwieġ fi kwoti ndaqs bejniethom u filwaqt li l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' inġurja gravi, l-attriċi irrendiet ruħha ħatja ta' inġurja gravi u sevizzi fil-konfront ta' żewġha.

[...]

4. **Manteniment għall-attriċi**

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lill-konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha.

Permezz ta' digriet tat-3 ta' Mejju 2021 din il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull erba' (4) ġimgħat.

Stante li ż-żewġ partijiet instabu ħatja tat-tkissir taż-żwieġ fi kwoti ndaqs bejniethom u l-Qorti ddikjarat li l-partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin, l-attriċi ma baqalhiex id-dritt li titlob manteniment mingħand żewġha.

Għal kull buon fini iżda jingħad li mill-provi li jirriżultaw fil-każ odjern il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi għandha l-potenzjal li taħdem b'mod regolari u tipperċepixxi introjtu biex tgħix f'kundizzjoni tajba. Hija kienet kapaċi tieħu ħsieb id-dar u t-tfal u l-finanzi ta' bejniethom, kif ukoll ħareġ ben ċar li hija wirtet mingħand il-ġenituri tagħha, tista' taħdem ma' terzi ladarba hija preżentament taħdem mal-familjari tagħha tieħu ħsieb id-djar, taħsel u ssajjar u anke taħdem ma' ħuha bħala carer u fil-fatt tirċievi *Allowance* Miżjuda għal Carer mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kif xehed ir-rappreżentant tad-Dipartiment f'diversi seduti.

Hija għandha fejn toqgħod flimkien ma' ħutha fid-dar li għandha sehem minnha hi stess. Għalhekk, hija għandha l-potenzjal li żżomm lilha nnifisha materjalment mingħajr ħtieġa ta' manteniment mingħand żewġha. Ma jirriżultax li għandha diffikultà jew impediment biex tkompli taħdem u taqla' l-għixien tagħha u ma għadx għandha l-bżonn li tipprovdi għal uliedha għaliex dawn huma maġġorenni fil-wisa u ma għadhomx jgħixu magħha jew b'xi mod jiddependu minnha. L-attriċi ma

> tistax tagħżel fejn trid li tuża l-iskuża tal-mard kif għamlet fejn jidħlu tortijiet taż-żwieġ u issa biex tgħid li ma tistax taħdem. Il-konvenut huwa tal-età huwa wkoll tal-pensjoni u l-Qorti ma tarax li għandu jibqa' jkun marbut jaħdem f'din l-età biex imantni lil martu wara li tkisser iż-żwieġ tort tagħha wkoll u hija kapaċi żżomm lilha nnifisha finanzjarjament.
>
> Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-attriċi ma għandhiex tirċievi manteniment mingħand żewġha stante li hija ddekadiet minn dan id-dritt."

9. L-attriċi (minn issa wkoll l-Appellanti) appellat b'rikors intavolat fis-7 ta' Marzu, 2025 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnha miġjuba, talbet lil din il-Qorti "*1. Tirriforma l-ewwel punt tad-decide billi issib il-ħtija għas-separazzjoni kien esklussivament bi ħtija tal-konvenut issa l-appellat u dan a bażi tal-ewwel żewġ aggravji ta' dan l-appell; 2. Tilqa it-tieni talba attriċi u tordna Manteniment adegwat għall-attriċi issa l-appellanti a bażi ta' l-aggravji imsemmijin fis-suespost.*"

10. Il-konvenut (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellat) ressaq ir-risposta tiegħu fid-9 ta' April, 2025, fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija talab li l-appell interpost mill-attriċi jiġi miċħud.

11. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**L-Appell**

12. Sew l-ewwel kif ukoll it-tieni aggravju huma diretti kontra l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti u għalhekk ser jiġu kkunsidrati flimkien.

13. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti ma għamlitx konsiderazzjoni adegwata tal-istat mentali tagħha meta f'paġna 33 tas-sentenza appellata għamlet referenza għal "iskuża tal-mard". Tilmenta illi s-saħħa mentali hija materja kumplessa ħafna u li m'għandhiex tiġi meqjusa bħala skuża. Tilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata meta qieset li "Il-kundizzjoni mentali tal-attriċi ma ġietx pruvata meta l-psikjatra xehed li d-dijanjosi setgħet kienet żbaljata u għalhekk l-attriċi ma tistax tiġi skolpata mill-aġir tagħha". Tissottometti li tali konklużjoni hija żbaljata u mhijiex ibbażata fuq l-evidenza li ġiet ippreżentata fl-atti tal-kawża.

14. Tisħaq illi meta l-psikjatra Cassar xehed illi d-dijanjosi setgħet kienet żbaljata, bl-ebda mod ma xehed li l-appellanti ma kellhiex xi forma ta' mard mentali. Tissottometti illi dak li xehed il-psikjatra Cassar ifisser li l-mard mentali li minnu tbati l-appellanti jinkwadra ruħu f'tipografija ta' mard mentali ieħor divers minn psikosi. Issemmi kif il-psikjatra Cassar xehed illi d-dijanjosi tiegħu kienet li l-attriċi tbati minn "Paranoid Psychosis" u li fil-bidu kien hemm dijanjosi li l-appellanti kellha

delużjonijiet ta' infedeltà. Tikkontesta għalhekk is-sejbien tal-Ewwel Qorti illi l-attriċi ma kinitx tbati minn mard mentali.

15. Tinsisti li fl-atti hemm firxa ta' provi dwar kif l-appellanti kellha episodji ta' mard mentali. Tirreferi għax-xhieda ta' membri tal-familja tagħha li kienu huma stess li rreferewha għand esperti mediċi meta raw li kellha bżonn kura medika għall-mard mentali tagħha. Tirreferi għax-xhieda tal-istess konvenut fejn jgħid illi "Tant kienet saret gravi s-sitwazzjoni li jiena u C M, li tiġi l-mara ta' ħuha C, iddeċidejna li nkellmu lil Dr Etienne Muscat minħabba li kienet tagħmel ċertu affarijiet esaġerati". Tiċċita l-esperti mediċi li kkonfermaw fix-xhieda tagħhom li kienu ppreskrivewlha mediċini li jingħataw lill-pazjenti għall-kura mentali.

16. Tilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatx piż il-fatt li l-attriċi ġiet rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli kif jirriżulta mill-*file* mediku tagħha eżebit in atti. Tissottometti li jiġu rikoverati f'dan l-isptar persuni li jbatu minn mard mentali li min-natura tagħhom huma gravi jekk mhux gravissimi.

17. Tisħaq li l-Ewwel Qorti emfasizzat b'mod eċċessiv l-azzjonijiet tal-attriċi mingħajr ma tat konsiderazzjoni adegwata lill-istat mentali tagħha li kien qed jeffettwa l-imġieba tagħha. Tinsisti li dak li qanqal dawn il-problemi mentali fl-attriċi kien l-adulterju tal-konvenut li skonta ġie minnu

ammess. Skont l-appellanti dan kollu jiskolpaha minn responsabbiltà għat-tkissir taż-żwieġ.

18. Tattakka s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti akkużatha b'opportuniżmu meta qieset illi fl-istadju inizjali tal-kawża l-attriċi ħadet il-linja li ma kinitx tbati minn psikosi u li ma kellhiex bżonn kura medika; filwaqt li aktar 'il quddiem matul is-smigħ tal-kawża bidlet il-pożizzjoni tagħha u ħadet il-linja li tbati minn psikosi u allura ma kellhiex tort għat-tkissir taż-żwieġ. Issemmi illi kien proprju minħabba l-istess kondizzjoni medika tagħha li inizjalment kienet fi stat ta' *denial* u li eventwalment mill-provi li beda jressaq il-konvenut kien qed jidher li l-akkużi ta' inġurji gravi u sevizzi fil-konfront tagħha kienu msejsa primarjament fuq ir-rapporti mediċi tal-kura mentali tagħha. Tagħlaq dwar dan l-aggravju billi ssostni illi hija kienet leali lejn l-evidenza li ġiet prodotta u li huwa inġust li din il-lealtà tagħha ġiet deskritta bħala opportuniżmu.

19. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellanti tkompli bil-kritika tagħha tal-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti. Tgħid illi b'riżultat li hija kienet tbati minn mard mentali serju ma kellhiex tinstab ħatja tat-tifrik taż-żwieġ fi kwota ndaqs bħall-appellat. Issemmi illi l-kundizzjoni ta' mard mentali tagħha kienet tant gravi li kien hemm żmien li kellha tiġi rikoverata l-isptar Monte Carmeli. Tilmenta li dan il-mard mentali ma ġiex rikonoxxut mill-Ewwel Qorti. Tirreferi għall-ġurisprudenza li żammet li fejn il-mard mentali

ta' parti fiż-żwieġ wassal għat-tkissir taż-żwieġ minħabba ġelożija sterika u reazzjonijiet esaġerati, riżultat tal-istess marda, xorta waħda m'għandhiex tirrispondi ċivilment għal dawk l-atti. Tinsisti illi l-problemi mentali tagħha bdew meta saret taf li l-konvenut ma kienx qed ikun leali lejha.

20. Il-konvenut appellat jilqa' għal dawn iż-żewġ aggravji. Jibda billi jgħid illi l-Ewwel Qorti ġustament apprezzat il-fatt li l-kundizzjoni psikoloġika tal-attriċi, cjoè dik ta' delużjoni dwar infedeltà, dejjem ġiet miċħuda mill-attriċi matul il-kors kollu tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Isemmi li kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha li l-attriċi qalbet id-diska u ma baqgħetx tinnega li għandha disturb psikoloġiku. Jgħid illi dan il-kambjament fil-pożizzjoni tal-attriċi sar biss sabiex tiġi eżonerata mill-ħtija tagħha għat-tkissir taż-żwieġ. Jisħaq li l-appellanti qed tuża din il-kundizzjoni medika tagħha sabiex tinsisti li mhix f'kundizzjoni li taħdem u tmantni lilha nnifisha. Isemmi illi l-marda li minnha tbati l-appellanti mhix ta' natura psikjatrika imma psikoloġika konsistenti f'"delużjonijiet ta' infedeltà", "ħsibijiet foloz, dijanjostikat mill-esperti mediċi bħala tip ta' disturb psikoloġiku magħruf bħala paranoid psychosis". L-appellat isostni illi tali kundizzjoni medika ma teffettwa xejn il-ħiliet *lavo rattivi* u l-fakoltà mentali perfetta tagħha.

21. Isemmi kif kien hemm żmien li l-attriċi kienet marret għall-aħjar bil-kura li kienet qed tirċievi iżda dan kellu ħajja qasira peress li ma baqgħetx tieħu l-kura neċessarja. Jilmenta illi kienu l-istess familjari tal-attriċi li ma kienux iħalluh jakkumpanjaha għall-visti mal-professjonisti mediċi u li ħallewh kompletament fil-għama. Jissottometti illi meta waqfet tieħu l-kura li kellha bżonn, l-attriċi ngaġġat investigatur privat sabiex isus wara l-appellat kif ukoll għamlet żmien twil tgħasses lill-appellat fil-garaxx fejn jaħdem ta' tellar. Jgħid li minn dan kollu l-attriċi qatt ma sabet xejn ħażin fil-komportament tiegħu. Wisq anqas xi prova ta' adulterju. Jissottometti illi l-attriċi resqet jixhdu lil żewġ qraba tagħha, oħtha C M u n-neputija tagħha J D. Jiddeskrivi x-xhieda ta' C M bħala ambjentata fi żmien meta l-attriċi kienet iddaħħlet l-Isptar Monte Carmeli wara li waqfet tieħu l-kura li kien ippreskrivilha l-psikjatra Dr Peter Muscat. Jgħid li x-xhieda ta' C M, għalkemm hija ġenwina, trid tittieħed fl-isfond li dak li qaltilha l-attriċi fi żmien meta kienet fi stat mentali ħażin. Jissottometti li x-xhieda ta' C M ma tistax titqies bħala prova dwar xi nuqqas tiegħu għaliex kull ma għamlet C M kien li rrepetiet dak li l-attriċi qaltilha fl-istat li kienet fih rikoverata l-isptar.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

22. **<u>L-ewwel żewġ aggravji</u>** huma msejsa unikament fuq l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. F'appelli ta' din ix-xorta huwa dejjem xieraq li jiġi riaffermat il-prinċipju sufrugat mill-

ġurisprudenza, li filwaqt li din il-Qorti tgawdi awtonomija sħiħa meta tiġi sabiex tgħarbel il-provi in atti, fl-istess ħin ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti sakemm ma jirriżultax li jkun sar apprezzament irraġjonevoli jew kontradittorju u li minħabba f'hekk ser issir inġustizzja jekk in-nuqqas fis-sentenza ma jiġix ratifikat. (ara **J A v. P T** - Appell Superjuri - 26 ta' Jannar, 2018; **Dott. A C v. Dr. J M – -** Appell Superjuri - 14 ta' Diċembru, 2018; **Avv. Dr L S nomine vs Strabuono Coffee International Limited -** Appell Superjuri - 12 ta' Jannar, 2023; **J D et vs A D et** - Appell Superjuri - 29 ta' Marzu, 2023; **T & L Holdings Limited v. Francis Busuttil & Sons Limited et -** Appell Superjuri - 15 ta' Novembru, 2023).

23. Il-prinċipju ġenerali tad-dritt probatorju huwa dak stabbilit fl-**Artikolu 562 tal-Kapitolu Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivli** li "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*." Miġbur dan il-prinċipju fil-massima legali *"ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"* ( u ċjoè li l-piż tal-prova jaqa' fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jiċħdu (ara **Joseph Zammit v. Joseph Hili –** Appell Inferjuri - 27 ta' Ġunju, 1953).

24. Regola ġenerali oħra tad-dritt probatorju hi li sabiex prova tissostanzja allegazzjoni jeħtieġ li tkun l-aħjar waħda fiċ-ċirkostanzi (**Artikolu 559 tal-Kapitolu 12**). Jingħad ukoll fir-rigward tal-materja ta'

provi, li l-oneru tal-prova huwa ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), u kemm fuq il-konvenut, in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkuntrasta l-pretensjonijiet tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*). Jekk il-parti attriċi tonqos li tipprova kif imiss il-premessi tat-talbiet tagħha, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara **Hans J. Link et v. Raymond Mercieca** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar, 2001). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara **Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil** - Appell Inferjuri - 7 ta' Mejju, 2010).

25. Fejn jikkonċerna provi marbuta ma' kundizzjonijiet mediċi, kull parti għandha l-jedd li titlob lill-qorti taħtar esperti skont ma jipprovdi **Artikolu 644 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Apparti l-esperti ġudizzjarji, kull parti għandha wkoll il-jedd li tressaq l-opinjoni ta' espert *ex parte* bis-saħħa tal-**Artikolu 563A (1)** tal-istess kodiċi, liema prova hija

meqjusa ammissibbli sakemm il-persuna li tittella' bħala xhud ikollha l-kwalifiki meħtieġa dwar il-kwistjoni li tixhed dwarha (ara **A V v. M S** - Appell Superjuri - 7 ta' Diċembru, 2023).

26. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza msemmija għall-appell li għandna quddiemna, din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li ġaladarba l-konvenut ma appellax, huwa llum ġudikat is-sejbien tal-Ewwel Qorti li l-konvenut huwa ħati ta' inġurji gravi fil-konfront tal-attriċi. L-Ewwel Qorti, filwaqt li ma sabitx li l-konvenut kien ħati ta' adulterju, ikkonkludiet li l-konvenut kien ħati ta' inġurji gravi fil-konfront tal-attriċi meta kkommetta atti amorużi ma' terza persuna ta' sess femminili fuq il-post tax-xogħol tiegħu fejn jaħdem bħala tellar. Ikkonkludiet li "Jirriżulta għalhekk li bħala inċident waħdieni dan jidher li verament seħħ u li kien il-konvenut li skaturixxa serje ta' iventi li fl-assjem tagħhom rendew il-ħajja konjugali impossibbli".[1]

27. Il-kwistjoni mqanqla mill-appellanti f'dan l-appell tirrigwarda biss jekk għandux jiġi kkonfermat li hija taħti daqs żewġha kif sabet l-Ewwel Qorti, jew inkella jekk għandux jinstab li ma taħti xejn, jew jekk hemm ħtija fuqha din hija fi grad minuri komparat mal-ħtija tal-appellat.

28. Ta' rilevanza massima hija x-xhieda tal-Psikjatra Dr David Cassar mogħtija fl-14 ta' Lulju, 2022[2]. Dr Cassar ġie msejjaħ biex jixhed mill-

[1] Paġna 26 tas-sentenza appellata
[2] Fol. 231 et. seq.

konvenut. Waħda mid-domandi li ġie mistoqsi Dr Cassar titfa dawl dwar il-prova li ried jagħmel il-konvenut meta sejjaħ lil Dr Cassar jixhed. Ġie mistoqsi hekk Dr Cassar:

> "Domanda: Fil-każ ta' dijanjożi ta' paranoid u ta' psychosis u dilusional, il-pazjenta jkollha kapaċita' mentali taħt il-Proviso tal-Att?
>
> Risposta: Jiena qed ikolli problema bid-domandi għax jien mhux qiegħed hawn bħala espert tal-qorti, jien qigħed hawn biex nagħti xhieda.
>
> (...)
>
> Risposta: Daħħlet Mount Carmel fil-31 ta' Diċembru tal-08 u ħarġet fis-16 ta' Jannar tal-08 (recte.09)."

29. L-attriċi baqgħet tiġi segwita minn Dr Cassar sas-sena 2012. Isemmi Dr Cassar li l-aħħar li nvistaha kien fit-30 ta' Jannar 2012, kienet tajba u mingħajr kura. Jgħid illi kienet ilha tajba għal sentejn mingħajr kura, "Ma sibtx sinjali ta' deterjorazzjoni bħalma kellha qabel avolja ma kellhiex kura. Ma sibtx sinjali ta' deterjorazzjoni f'kuntest ta' psikosi avolja kienet mingħajr kura, avolja kienet mingħajr kura għal sentejn jiena sibtha stabbli".

30. Dr Cassar kien ċar ukoll fuq li d-dijanjosi li kien għamel inizjalment fis-sena 2008, u ċjoè li l-attriċi kienet tbati minn *paranoid psychosis* jew *delusions*. Jixhed illi "Fil-bidu d-dijanjosi kien illi din kellha deluzzjonijiet ta' infedeltà fil-bidu, skont l-informazzjoni li kienet tidher dak iż-żmien ..... Deluzzjonijiet ta' infedeltà jindikaw psychosis imma mbagħat wieħed irid iħares lejn l-istorja kollha. .... Dak iż-żmien ngħatat mediċina għal

psychosis jisimha Resperidone." Jgħid li din id-dijanjosi setgħet kienet żbaljata meta beda jirriżulta li l-konvenut ammetta li kien hemm infedeltà da parti tiegħu. Jgħid hekk fir-rigward: "U din hija xi ħaġa li tiġri, naħsbu li jkun hemm [paranoid psychosis] imma mbagħad nirrealizzaw minn informazzjoni li jkollna li ma kienx hemm":

> "Domanda: Jiġifieri l-initial diagnosis could have been wrong?
> Risposta: Could have been wrong."

31. Mistoqsi mill-Avukat tal-konvenut jekk l-attriċi baqgħetx tieħu l-mediċina għal *psychosis*, bl-isem *resperidone*, Dr Cassar jgħid li l-attriċi waqfitha f'Diċembru 2009 "Probabilment għax iddeċidiet hi fuq informazzjoni li kellha". Dr Cassar ma qalx li għamlet ħażin. U stranament lanqas ġie mistoqsi jekk għamlitx ħażin li waqfet tieħu mediċina lilha preskritta dwar dijanjosi li wara rriżulta li "could have been wrong".

32. L-Ewwel Qorti qieset bħala opportuniżmu da parti tal-attriċi li l-ewwel kienet qed tinnega li kienet marida mentalment u li mbagħad bdiet issostni li l-mard tagħha kien jiskolpaha minn kwalunkwe ħtija għat-tkissir taż-żwieġ. Din il-Qorti ma taqbilx.

33. Mill-atti jirriżulta li l-ewwel rapport rigward is-saħħa mentali tal-attriċi sar fil-31 ta' Diċembru 2008 filwaqt li l-aħħar darba li raha Dr David Cassar kien fit-30 ta' Jannar 2012. Fit-30 ta' Lulju 2014, l-attriċi ttieħdet minn binha għand Dr Peter Muscat sabiex issir dijanjosi fuq l-ossessjoni

tal-attriċi li żewġha kien qed ikun infidil lejha. L-aħħar darba li Dr Muscat ra lill-attriċi kien fit-22 ta' Ottubru, 2014. Fl-atti ma nstab ebda rapport ta' Dr Muscat għajr ix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem l-assistent ġudizzjarju fil-15 ta' Diċembru, 2021.

34. Irrispettivament jekk il-kambjament *in extremis* fid-direzzjoni tal-appellanti hux opportuniżmu kif irriteniet l-Ewwel Qorti jew inkella lealtà lejn il-provi kif tirritjeni l-appellanti, li huwa ta' rilevanza għad-determinazzjoni tal-ħtija fil-kamp matrimonjali mhux daqstant il-linja difensjonali ta' parti daqskemm dak li mill-atti jirriżulta sodisfaċentement ippruvat bħala stat ta' fatt.

35. Wieħed mill-argumenti prinċipali tal-appellanti huwa li "jidher b'mod ċar illi l-problemi mentali bdew meta l-mara saret taf illi r-raġel ma kienx qed ikun leali lejha".[3]

36. Tali assunzjoni mhix 'il bogħod mill-verità kif toħroġ mill-atti u anke rikonoxxut mill-Ewwel Qorti. Huwa llum ġudikat li l-konvenut huwa ħati ta' inġurji gravi fil-konfront ta' martu meta naqas mill-fedeltà lejha b'atti amorużi ma' persuna ta' sess femminili. Nuqqas ta' fedeltà ma jseħħx biss bl-adulterju. Bil-fatt li bl-ammissjoni tiegħu ġie sodisfaċentement ippruvat episodju wieħed ma jnaqqas xejn mill-gravità tiegħu u bil-

[3] Ara paġna 10 tar-rikors tal-appell

konsegwenzi serjissimi fuq il-ħajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet. L-episodju in kwistjoni ma kienx xi atteġjament platoniku. Il-konvenut ammetta ma' oħt l-attriċi li klijenta tiegħu offrietlu li tħallsu b'atti sesswali għaliex ma kellhiex flus. Jammetti li waqa' għat-tentazzjoni. Bil-fatt li ma ġiex ippruvat li l-attività sesswali li l-konvenut kellu ma' terza persuna ma waslitx sal-punt li jkollu konġunġiment karnali magħha xejn ma jnaqqas mill-fatt li dak ippruvat jammonta għal trasgressjoni u ksur gravi tal-obbligi matrimonjali tal-konvenut. B'dak li kien qed jirriżultalha l-attriċi kellha kull raġun temmen li l-konvenut kien f'relazzjoni adultera ma' terza persuna. Il-fraġilità mentali tagħha, li l-konvenut kien konsapevoli tagħha, huwa fiċ-ċirkostanzi attenwant għall-attriċi meta wieħed jikkonsidra r-reazzjonijiet tagħha għal dak li seħħ. Dan irrikonoxxietu wkoll l-Ewwel Qorti:

> "Jirriżulta għalhekk li bħala inċident waħdieni dan jidher li verament seħħ u li kien il-konvenut li skaturixxa serje ta' iventi li fl-assjem tagħhom rendew il-ħajja konjugali impossibli.
>
> (…)
>
> Filwaqt li l-konvenut jinsisti li l-kundizzjoni mentali tal-attriċi kienet il-kawża tat-tkissir taż-żwieġ u jibqa' superfiċjalment fuq il-fatt li hi kienet qed tossessjona ruħha fuqu, il-Qorti tħoss li l-aġir li ammetta li għamel il-konvenut tefa' lill-attriċi f'sitwazzjoni kerha. Bil-karattru ta' l-attriċi li l-konvenut stess jgħid li kienet fraġli u temmen dak kollu li jgħidulha n-nies, kien faċli għaliha li minn dak l-inċidenti hija tiffissa u toħloq stejjer u toħroġ minn kull kontroll tas-sitwazzjoni. L-attriċi fil-fatt ma għenitx lilha nnifisha għaliex minflok ma insistiet li jfittxu l-għajnuna bħala koppja, ippruvat tara kif ser tagħmel biex terġa' taqbad lill-konvenut fi żball ieħor. Hija wkoll iddeċidiet minn jeddha meta kellha twaqqaf il-kura li kienet qed tmexxiha l-quddiem
>
> (…)
>
> Il-Qorti hija konvinta li għalkemm dak l-inċident li ammetta għalih il-konvenut ma jinkwadrax bħala adulterju per se, fis-sens klassiku, madanakollu kien detrimentali immens fid-dinamika taż-żwieġ tagħhom u l-Qorti tikkonkludi li kien jinkwadra fil-parametri ta' inġurja gravi. L-aġir

tiegħu kien tali li naturalment joffendi lill-parti l-oħra u għalhekk ta' detriment għaż-żwieġ. L-attriċi min-naħa l-oħra kienet il-kaġun ta' sevizzi meta minflok indirizzat il-problemi ta' bejniethom irrendiet ruħha l-kaġun ta' torment kwotidjan bl-ossessjonijiet u l-akkużi kontinwi fil-konfront tal-konvenut. … Bl-akkużi kontinwi ta' adulterju, mhux pruvati, l-attriċi kienet ukoll il-kaġun ta' inġurji gravi"

37. L-Ewwel Qorti qieset li ma kienx hemm adulterju imma li l-atti minnu kommessi mat-terza persuna jammontaw għal inġurja gravi.

38. Għalkemm jidher li l-attriċi kellha ġia karattru suspettuż fil-konfront ta' żewġha, l-episodju ta' nuqqas ta' fedeltà da parti ta' żewġha tefagħha fi stat ta' disperazzjoni tant li kien hemm żmien li riedet tneħħi ħajjitha. Ladarba skont ma jgħid il-konvenut, l-attriċi kienet ġia taħseb ħażin fih meta għamel dak li għamel, kien allura ġia prevedibbli għalih illi atti ta' nuqqas ta' fedeltà da parti tiegħu ser ikissru mentalment lil martu. U hekk seħħ.

39. Mill-banda l-oħra din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, ma tqisx li l-attriċi tista' tiġi meħlusa għal kollox minn kwalunkwe responsabbiltà għat-tkissir taż-żwieġ meta wieħed jikkonsidra l-aġir tagħha fil-konfront tal-konvenut fuq medda twila ta' snin kif deskritt fis-sentenza appellata. Dak li ma taqbilx din il-Qorti fil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hu li qieset in-nuqqasijiet taż-żewġ partijiet ta' gravità ugwali. Hija l-fehma kunsiderata ta' din il-Qorti li n-nuqqasijiet tal-konvenuta kif misjuba mill-Ewwel Qorti huma ta' gravità inferjuri meta mqabbla man-nuqqasijiet tal-konvenut.

40. Din il-Qorti tqis illi jkun aktar ġust fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ li l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ tiġi spartita in kwantu għal tliet kwarti (3/4) fuq il-konvenut appellat u in kwantu għal kwart (1/4) fuq l-attriċi appellanti.

41. Tilqa' għalhekk parzjalment it-tieni aggravju filwaqt li tiċħad l-ewwel aggravju.

**It-tielet aggravju – appellanti mhijiex f'qagħda li tidħol fid-dinja tax-xogħol u għalhekk għandha tingħata manteniment mill-appellat**

42. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti tikkritika s-sentenza appellata fejn ma tagħtix manteniment għaliex qieset li għandha dħul adegwat billi tagħmel xogħlijiet fid-djar ta' ħutha u għandha dħul bħala *carer* ta' ħuha. Qieset ukoll l-Ewwel Qorti illi għandha l-kapaċità li toħroġ taħdem. L-appellanti ssostni li minħabba l-kundizzjonijiet ta' mard mentali tagħha ma tistax taħdem ma' terzi fid-dinja tax-xogħol. Issemmi kif hija kienet waqfet taħdem sabiex tkun tista' tieħu ħsieb it-tfal u li għal żmien twil issa ilha 'l bogħod mill-ħajja tax-xogħol.

43. Dwar il-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li hija għandha post fejn tgħix, l-appellanti tissottometti illi dan il-post ma jappartjeniex lilha waħedha imma huwa wkoll ta' ħutha bil-possibilità li fil-futur dan il-post

jinbiegħ. Tgħid li bl-istess mod il-ħlas li tirċievi bħala *carer* ta' ħuha jista' jiġi fi tmiemu jekk ħuha jmut. Tissottometti illi *pendente lite* l-konvenut kien ordnat jgħaddilha manteniment ta' €250 fix-xahar li kien iħallashom mingħajr ebda diffikultà.

44. L-appellat jilqa' għal dan it-tielet aggravju. Jgħid illi mhux minnu li l-attriċi mhix kapaċi taħdem peress li l-kundizzjoni li minnha tbati ma teffettwa xejn il-ħiliet lavorativi tagħha. Jissottometti li bil-fatt li l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali mingħajr raġunijiet xierqa u mingħajr ma talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ġiet li hija stess temmet id-dmir tal-konvenut li jagħtiha manteniment b'applikazzjoni ta' artikolu 6 tal-Kodiċi Ċivili. Jgħid li lill-appellanti qatt ma ħalliha nieqsa minn xejn allavolja kienet dejjem aggressiva miegħu u dejjem taħseb ħażin fih u takkużah inġustament b'infedeltà. Jisħaq illi kien biss meta ddeċidiet li trid tissepara li bdiet tmur minn wara dahru taħsel għand in-nies. Isemmi li mill-provi jirriżulta li l-ħiliet "eċċezzjonali" tal-attriċi sew fit-tisjir kif ukoll fit-tindif baqa' bla mittiefes mid-disturb psikoloġiku tagħha.

45. Jissottometti illi apparti li l-attriċi tieħu ħsieb it-tisjir u t-tindif tad-dar fejn tgħix ma' ħutha, hija tirċievi *Increased Carer's Allowance* li fis-sena 2022 kienet tammonta għal €8,317.78 kif ukoll tagħmel xogħol tad-dar għand in-nies terzi bi ħlas li ma tiddikjarahx. Dan apparti l-€250 fix-xahar li jgħaddilha bħala manteniment *pendente lite*.

46. Isemmi li d-dħul tal-attriċi jissupera tiegħu peress li huwa pensjonant fejn jirċievi €885 fix-xahar li minnhom kien qiegħed iħallas lill-attriċi €250 bħala manteniment *pendente lite* u qed jibqalu biss €690.00. Jgħid li b'hekk l-attriċi għandha dħul aktar minnu filwaqt li huwa pensjonant ta' 64 sena. Jinsisti illi l-attriċi m'għandhiex dritt għall-manteniment mingħandu sew għaliex m'għandhiex dritt għalih b'applikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Kap. 16, imma wkoll għaliex m'għandhiex bżonnu b'applikazzjoni tal-artikolu 20 tal-Kap. 16. Apparti d-dħul tagħha jirreferi wkoll għall-ġid li l-appellanti wirtet mingħand il-ġenituri tagħha fosthom is-somma ta' €10,834 li ġiet depożitata fil-kont bankarju tal-appellanti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

47. Parti fiż-żwieġ titlef awtomatikament il-jedd li titlob manteniment mingħand il-parti l-oħra fiż-żwieġ jekk il-Qorti ssib lil tal-ewwel ħatja jew ta' adulterju jew ta' abbandun (ara **artikoli 38, 41 u 48 tal-Kodiċi Ċivili**). F'tali ċirkostanzi il-Qorti m'għandhiex diskrezzjoni. Mhux l-istess jekk is-sejbien tal-ħtija jkun imsejjes fuq eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha aktar possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment. (ara **artikoli 40 u 51 tal-Kodiċi Ċivili**). F'tali ċirkostanzi huma mħolli fid-diskrezzjoni tal-qorti,

skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, jekk tordnax it-telfien tal-jedd għall-manteniment.

48. Skont **Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili**, il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih. Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor u l-utili tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli. Hekk ukoll, għandu jitqies kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli. (ara **C C v. C C** - Appell Superjuri - 23 ta' Novembru, 2023).

49. Japplikaw ukoll l-**Artikoli 52 u 54 tal-istess Kodiċi** (ara **M S C B pro et noe v. J C B** - Appell Superjuri - 9 ta' Ġunju, 2005). **Artikolu 54(1)** jipprovdi li jridu jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' min għandu jedd għall-manteniment u min ser iħallsu. Il-liġi tenfasizza li l-Qorti għandha tqis ukoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-partijiet. Il-qrati għandhom diskrezzjoni pjuttost wiesgħa dwar kif jaslu għall-ammont ta' manteniment li jkun xieraq għaċ-ċirkostanzi tal-każ (ara **M C sive C A v. C sive C A** - Appell Superjuri - 1 ta' Diċembru, 2006).

50. *In linea* ġenerali, il-parti ħatja għall-firda għandha l-obbligu li tħallas manteniment lill-parti l-oħra. Madankollu u fl-istess waqt jingħad illi "*Il-*

*manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara iżda jiġi ordnat il-ħlas tiegħu meta hemm il-bżonn (**Artikolu 20(1) tal-Kodiċi Ċivili** jgħid li l-manteniment ikun dovut skont il-bżonn ta' min qed jitolbu)*" (ara **C M v. L M** - Appell Superjuri - 25 ta' Ottubru, 2013).

51. Kif id-diżokkupazzjoni waħedha ma teħlisx lid-diżokkupat mill-obbligu li jivversa manteniment meta dovut; hekk ukoll pensjonant mhux meħlus mill-obbligu li jħallas manteniment jekk il-parti l-oħra fiż-żwieġ għandha jedd titlob tali manteniment u tipprova sodisfaċentement li teħtieġ li tkun sostnuta. Kif inżamm, "*Id-diżokkupazzjoni mhix motiv biex teħles lir-raġel mill-obbligu ta' l-alimenti lejn martu ,...* " (ara **A M v. A M** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju, 1954).

52. Rilevanti dak li ntqal fis-sentenza **S S v. N S** mogħtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Ottubru, 2024:

> "51. Huwa minnu illi ż-żewġ partijiet huma kważi tal-istess età, u għalhekk ta' età avvanzata. Iżda jiġi mtenni, illi l-attriċi bħala dik il-parti li qed titlob li tingħata manteniment, ma ressqet l-ebda prova li: (i) id-dħul tagħha mhuwiex biżżejjed għall-għajxien tagħha; (ii) li huwa impossibbli għaliha li taħdem fuq bażi *full-time*; u (iii) li tbati minn xi kundizzjoni li timpediha milli tkompli x-xogħol tagħha, anke jekk mhux ta' strapazz. Fis-sentenza fl-ismijiet **P A v. J A**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2014, ġie meqjus illi l-fattur tal-età ma jistax ikun ta' wens f'każ li ma jkunx hemm impediment ta' saħħa, għaliex għalkemm persuna tagħlaq l-età ta' 60 sena, din mhux bilfors tieqaf mill-ħajja lavorattiva tagħha.
>
> 52. B'applikazzjoni ta' dan kollu, jidher illi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx wisq dawn il-fatturi. Filwaqt li d-dritt tal-attriċi għall-manteniment mingħand żewġha għandu jibqa' mhux mittiefes, l-Ewwel Qorti kellha

> tikkunsidra illi l-attriċi għadha b'saħħitha u tinsab ingaġġata fuq bażi parttime."

53. L-appellanti tagħmel referenza fl-appell tagħha għal dak li jista' jiġri fil-futur. Jiġi ppreċiżat li l-Qorti qed tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq il-fatti kif huma magħrufa llum. Iċ-ċirkostanzi tal-partijiet jinbidlu maż-żmien u jista' jkun hemm lok ta' varjazzjonijiet dwar dak hawn deċiż, però dan isir fuq talba ta' xi parti wara u jekk ikun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi (ara **M F v. A F** - Appell Superjuri - 30 ta' April, 2024).

54. Il-Qorti lanqas għandha tippermetti li diffikultajiet finanzjarji ta' parti waħda jiġu riżolti jew imħaffa billi jiġu mposti oneri eċċessivi u nġusti, li jkunu ta' preġudizzju fuq il-parti l-oħra (ara **C C pro et noe v. S C**, - Appell Superjuri - 2 ta' Marzu, 2018).

55. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza fuq ċitata għall-każ odjern din il-Qorti ssib illi ma hemmx raġuni għaliex l-attriċi għandha titlef il-jedd li titlob manteniment mingħand żewġha. Kif rajna, mhux kull ħtija għat-tkissir taż-żwieġ iġġib magħha t-telfien tal-jedd għall-manteniment. Ladarba din il-Qorti qed tvarja s-sentenza appellata billi qed issib illi l-ħtija tal-attriċi hija ferm anqas minn dik tal-konvenut; qiegħda wkoll tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha fejn ddikjarat li l-attriċi tilfet il-jedd li titlob manteniment mingħand żewġha.

56. Fl-istess ħin però tqis li mhux fondata l-pretensjoni tal-appellanti illi hija m'għandhiex il-potenzjal li taħdem *full-time* sabiex ikollha dħul adegwat. Kif ippruvat u ammess mill-istess appellanti, apparti li tieħu ħsieb dak kollu li hemm bżonn fid-dar ta' ħutha, inkluż tisjir u tindif, hija wkoll taħdem bħala *carer* ma' ħuha għal-liema ħidma hija tirċievi ħlas mingħand il-Gvern. Jirriżulta wkoll li taħdem għand in-nies bħala fattiga.

57. Għall-kundanna tal-ħlas ta' manteniment il-qorti trid dejjem tqis mhux biss id-dħul u l-mezzi ta' min għandu l-obbligu li jħallas manteniment imma wkoll id-dħul u l-mezzi ta' min qed jitolbu. Fiċ-ċirkostanzi preżenti din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqis li l-attriċi għandha l-potenzjal li toħroġ taħdem fil-linja ta' xogħol li hija ġia tagħmel.

58. Il-konvenut qed iħallas manteniment *pendente lite* lill-attriċi fis-somma ta' €250 fix-xahar. Sabiex l-attriċi tingħata żmien adegwat ħalli tfittex impieg *full-time* din il-Qorti ser tordna lill-konvenut jkompli iħallas manteniment lill-attriċi fis-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) fix-xahar u dan sa żmien tliet xhur mid-data ta' din is-sentenza.

**Deċiżjoni**;

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed tilqa' parzjalment dan l-appell;

1. Tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha fejn iddikjarat li għat-tkissir taż-żwieġ kienu jaħtu ż-żewġ partijiet bi ħtija ugwali u minflok tiddikjara illi għat-tkissir taż-żwieġ il-konvenut appellat huwa responsabbli għal tliet kwarti (3/4) tal-ħtija, filwaqt li l-attriċi appellanti hija responsabbli għal kwart (1/4) tal-ħtija;

2. Tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha fejn iddikjarat li l-attriċi ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment mingħand il-konvenut u minflok tiddikjara illi l-attriċi ma ddekadietx mid-dritt li titlob manteniment mingħand il-konvenut;

3. Tordna lill-konvenut ikompli jħallas manteniment lill-attriċi fis-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) fix-xahar għal żmien tliet xhur minn din is-sentenza;

4. Tvarja l-kap tal-ispejjeż kif deċiż fis-sentenza appellata billi tordna li l-ispejjeż tal-Prim'Istanza jitħallsu in kwantu għall-kwart (1/4) mill-attriċi u in kwantu għal tliet kwarti (3/4) mill-konvenut;  u mhux kif deċiż mill-Ewwel Qorti.

5. Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

6. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu in kwantu għal kwart (1/4) mill-attriċi appellanti u in kwantu għal tliet kwarti (3/4) mill-konvenut appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb